**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 179/11VG**

**Clinton Zammit**

**Vs**

**Di Natura Ltd.**

**Illum 20 ta' Marzu 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Clinton Zammit fit-8 ta' Gunju 2011 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Di Natura Limited tigi kkundannata thallsu s-somma ta' sebat elef u sebgha u disghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€7,097.23) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet imwettqa u materjali suppliti fil-lukanda Seabank Hotel, Mellieha, fuq ordni taghha stess u dan skond prospett anness mar-Rikors markat Dok. "A", liema bilanc ghadu ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra s-socjetà Di Natura Limited;

Rat id-dokument markat Dok. "A" anness mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-process;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li: (i) in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, hija ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hijiex il-legittimu kontradittur peress li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u l-attur; u (ii) bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat illi in vista ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà konvenuta, il-gbir tal-provi f'dan l-istajdu huwa limitat ghal tali eccezzjoni biss u din l-istess eccezzjoni ghandha tigi trattata u determinata qabel ma jigi trattat il-mertu proprio ta' l-azzjoni attrici;

Semghet ix-xhieda ta' Godfrey Formosa moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' April 2012[1] u tas-7 ta' Ottubru 2013[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GZ1" sa' Dok. "GZ8" a fol. 15 sa' 30 tal-process, rat l-affidavit ta' l-Inginier Johann Aloisio esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Mejju 2012 a fol. 37 u 38 tal-

[1] Fol. 31 sa' 35 tal-process.
[2] Fol. 126 sa' 129 tal-process.

process u rat l-affidavit ta' Alvin Buttigieg esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Ottubru 2012 a fol. 40 u 41 tal-process, rat id-dokumenti markati Dok. "GF1" sa' Dok. "GF19" esebiti mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota ipprezentata fis-17 ta' Jannar 2013 a fol. 44 sa' 67 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tas-17 ta' Jannar 2013[3] u tal-21 ta' Jannar 2014[4] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "CZ1" a fol. 43 tal-process, u rat id-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "F" esebiti mill-attur permezz ta' Nota pprezentata fis-7 ta' Ottubru 2013 a fol. 77 sa' 125 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' €7,097.23 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet imwettqa u materjal fornit fil-lukanda Seabank Hotel, Mellieha, fuq ordni taghha stess, liema bilanc baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas. Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur peress illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u l-attur, u bl-eccezzjoni fil-mertu li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fid-dawl ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà konvenuta, se tigi trattata u deciza l-ewwel tali eccezzjoni qabel ma jigi trattat u determinat il-mertu proprio tat-talba attrici. B'hekk din id-decizjoni hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà konvenuta.

In kwantu rigward il-kuncett guridiku ta' relazzjoni guridika bejn zewg jew iktar persuni u il-kuncett guridiku ta' legittimu kontradittur issir referenza ghal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **E. Grech Cristal Baths Limited v. Rainbow Turnkey Projects Limited et, Avviz. Nru. 8/15** deciza fit-8 ta' Lulju 2015: *b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed fis-sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha[5]. ... Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet "Frankie Refalo et v. Jason Azzopardi et" deciza nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sosteniet li: "Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, il-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu jwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess*

[3] Fol. 68 sa' 70 tal-process.
[4] Fol. 134 sa' 139 tal-process.
[5] Ara wkoll Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma pro et noe v. Emanuel Grixti, Appell Civili Nru. 506/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007.

*konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

Godfrey Formosa, Direttur tas-socjetà konvenuta, jikkontendi li socjetà ohra di proprjetà tieghu, u cioè is-socjetà D&G Projects Limited inkarigat lill-attur bhala *sub-contractor* biex jaghmel xoghol ta' *plumbing* in konnessjoni ma' l-installazzjoni ta' thermal solar system fil-lukanda Seabank Hotel. In risposta ghall-mistoqisja min inkariga lill-attur ghall-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol, Godfrey Formosa rrisponda *id-D&G Projects Limited.* In risposta ghall-mistoqsija ulterjuri *jigifieri jekk fhimtek sewwa Clinton Zammit kien jigi inkarigat mid-D&G Projects Limited, jigifieri x-xoghol minghand il-klijent minn kien jiehdu? Semmejtli s-Seabank, is-Seabank qabbad lil min?* Godfrey Formosa wiegeb *is-Seabank qabbad lid-D&G Projects Limited u D&G f'dan il-kaz qabbdet lil Clinton Zammit biex jaghmel xoghol ta' plumbing f'pipijiet u hekk.* Mistoqsi jispjega ghaliex l-attur gie inkarigat mix-xoghol tal-*plumbing* Godfrey Formosa wiegeb *ir-raguni hija wahda ta' sistema tas-solar system, thermal solar system, jigifieri sistema li biha jsahhnu l-mishun u kellna nghaddu ammont ta' pajpijiet, fusion pipes, minn fuq il-bejt ghal pump room.* Mistoqsi ulterjorment *il-kumpanija Di Natura Limited, taghmel dawn it-tip ta' xoghlijiet?* Godfrey Formosa wiegeb *le, Di Natura Limited f'dak il-perjodu ma hadmitx, kienet non-trading. … Il-perijodu 2009 u bidu ta' 2010, imbaghad minn Settembru 'l quddiem id-Di Natura Limited bdiet tiehu progetti ta' l-MRA li huma residential to residential, li huma fl-iskala ta' l-ERDFs ta' djar. … Mhux progetti kummercjali, D&G Projects ghall-commercial business u Di Natura Limited ghal residential.* Mistoqsi wkoll *it-trade name tieghek x'inhu?* Godfrey Formosa wiegeb *Di Natura, l-hanut jismu Di Natura u kollox jismu hekk.* In sostenn ta' dak minnu affermat Godfrey Formosa esebixxa serie ta' fatturi mahruga mill-attur kemm in konnessjoni max-xoghol esegwit fil-lukanda Seabank Hotel kif ukoll fil-lukanda Bellavista Hotel u numru ta' cheques mahruga mis-socjetà D&G Projects Limited b'xi ricevuti relattivi ghalihom mahruga fuq D&G Projects Limited u Di Natura jew D&G Projects Limited u Di Natura Limited[6]. Bi twegiba ghall-mistoqsija *lil Clinton Zammit, meta int kont titkellem mieghu, min kont tghidlu li qieghed jinkarigah bhala xoghol?* Godfrey Formosa ddikjara li *hu kien jafni bhala d-Di Natura però ghamilthielu cara anke meta ghaddejjnilu l-pagamenti li dejjem D&G Projects Limited kienet.* Dwar kif kienu jsiru il-pagamenti u ricevuti relattivi Godfrey Formosa ddikjara *johorgu mid-D&G u l-ircevuti fuq id-D&G ukoll*[7].

Da parte tieghu l-attur jikkontendi li *gejt avvicinat minn Godfrey Formosa stess innifsu u spjegali x'kellu bzonn jaghmel fis-Seabank. Kellu progett ta' Solar Panels u talabni Biex nikkumnikahomlu bil-pipework ma' xulxin.* Ghall-mistoqsija *biex gibt dan ix-xoghol fil-lukanda inti ma' min innegozjajt jigifieri mieghu personalment però kien qallek?* l-attur wiegeb *kuntatt dejjem kien mas-Sur Formosa nnifsu. Iltqajna mhux is-Seabank, iltqajna post iehor u ovvjament insaqsih isma tini d-dettalji tieghek biex nohroglok il-quotation biex inkunu nistghu nibdew ix-xoghol. Hu taghni l-busniess card tieghu li ghandi kopja taghha nistghu nipprezentawha, imbaghad ftehmna darb' ohra biex immorru on site, rajna x-xoghol u x-xoghol kien dak li kien jigifieri* w in risposta ghall-mistoqsija *mela*

[6] Dok. "GZ1" sa' Dok. "GZ8" a fol. 15 sa' 30 tal-process u mill-gdid bhala Dok. "GF3" sa' Dok. "GF17" a fol. 47 sa' 60 tal-process.
[7] Xhieda moghtija minn Godfrey Formosa waqt is-seduta ta' l-20 ta' April 2012 a fol. 31 sa' 35 tal-process.

*jigifieri s-Sur Formosa mieghek kien dejjem jinnegozja mieghek bhala?* l-attur iddikjara *fil-fatt jiena nafu bhala Di Natura, ma kelli l-ebda ideja iktar li kellu xi kuntatti ohra, xi kumpanija ohra jew hekk*. Ghall-mistoqsija *u meta bdejt ix-xoghol fuq il-lukanda, hu ma kienx qallek illi kien hemm xi kumpanija ohra li ghandu hu? Kien qallek xi haga?* l-attur wiegeb *le dejjem wera ruhu bhala Di Natura w anke meta kien jigi on site ghax gieli kien jigi hu kien jara x-xoghol jigifieri ma kien hemm l-ebda hjiel li kellu xi kumpanija ohra*. L-attur xehed ukoll illi *imbaghad sirt naf li kellu kumpanija ohra meta ghamilt l-ewwel fazi tax-xoghol, hrigtlu l-invoice tax-xoghol li kont ghamilt dakinhar u meta gie biex ihallasni qalli isma "Ha nhallsek bid-D&G Projects jimporta ghalik?" Ghedtlu "jien ghalija ma taghmilx differenza, tista' thallasni biex trid" u ghamilli c-cekk f'isem D&G Projects. Ghedtlu "imma D&G Projects tieghek?" qalli, "dik l-istess bhala kumpanija, l-istess tieghi, l-istess Di Natura". Fil-fatt imbaghad mort biex infittex il-memorandum of articles u sibthom li huma t-tnejn l-istess tieghu, zewg kumpaniji differenti però t-tnejn tieghu. … anke fuq ir-ricevuta kont niktiblu ezempju Di Natura imbaghad kien jaghmilli ikteb D&G Projects. Jiena ghalija sakemm, once li nithallas ma taghmilx differenza jekk thallasnix Di Natura jew D&G Projects*[8].

Huwa car li Godfrey Formosa u l-attur jaghtu zewg versjonijiet differenti minn xulxin fir-rigward ta' min inkariga lill-attur jesegwixxi x-xoghlijiet fil-lukanda Seabank Hotel gewwa il-Mellieha: b'wiehed jghid li l-attur gie espressament inkarigat ghal tali xoghlijiet mis-socjetà D&G Projects Limited, filwaqt li l-iehor jghid li Godfrey Formosa dejjem identifika ruhu mieghu bhala Di Natura u mhux b'isem ta' xi kumpanija ohra.

Mill-provi hareg car li fin-negozju minnu gestit Godfrey Formosa effettivament jilbes iktar minn kappell wiehed: dak ta' Direttur tas-socjetà Di Natura Limited u dak ta' Direttur tas-socjetà D&G Projects Limited. La dan huwa l-kaz ma hemmx dubju li kien jinkombi fuq l-istess Godfrey Formosa l-oneru li jgharraf b'mod car u inekwivoku lill-attur f'liema vesti kien qed jinnegozja mieghu u finalment inkarigah jesegwixxi x-xoghlijiet gewwa l-lukanda Seabank Hotel. Fir-rigward issir referenza ghal dak osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. v. Michael Debono, Citaz. Nru. 1184/01** deciza fil-21 ta' Marzu 2002: *din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn socjetà b'responsabilità limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

Ghalkemm fil-kaz in ezami si tratta ta' distinzjoni bejn zewg socjetajiet rapprezentati mill-istess persuna u mhux bejn persuna fizika u persuna morali, is-sustanza ta' dan il-principju appena citat tapplika ghall-kaz in ezami. Ladarba Godfrey Formosa kien jiggestixxi n-negozju tieghu taht u tramite diversi socjetajiet, kellu l-obbligu li jgharraf lill-attur bl-iktar mod car li l-inkarigu in kwistjoni kien qed jinghata lilu minn socjetà Wahda u mhux mill-ohra, senjatament mis-socjetà D&G Projects Limited u mhux mis-socjetà konvenuta Di Natura Limited. Jekk dan ma sarx, u fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami dan ma sarx, l-attur kellu kull ragun jifhem li huwa kien qed jinghata l-inkarigu mis-socjetà Di Natura Limited u mhux mis-socjetà D&G Projects Limited u li ghalhekk hija l-ewwel socjetà imsemmija li hija finalment responsabbli ghall-hlasijiet dovuti lilu ghax-xoghol minnu esegwit.

[8] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, fol. 68 u 69 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti Godfrey Formosa agixxa fil-konfront ta' l-attur b'mod li l-attur fehem li l-inkarigu kien qed jinghata lilu minn Formosa *qua* Di Natura u mhux *qua* D&G Projects Limited. Fl-ewwel lok meta l-attur talbu d-dettalji tieghu Godfrey Formosa tah *business card*[9] li fuqha hemm Di Natura u ma hemm l-ebda indikazzjoni tas-socjetà D&G Projects Limited. Il-fatturi relattivi ghax-xoghlijiet in kwistjoni wkoll hargu dejjem fuq Di Natura u mhux fuq D&G Projects Limited u dana nonostante l-fatt li l-istess Godfrey Formosa jishaq li l-installazzjoni tas-*solar thermal water heaters* fil-lukanda Seabank Hotel kienet fdata lis-socjetà D&G Projects Limited u kienet din l-istess socjetà li kienet qed teffettwa l-pagamenti lill-haddiema u/jew subappaltaturi taghha, inkluz ghalhekk l-attur. Tant l-attur kien konvint li l-inkarigu gie moghti lilu mis-socjetà konvenuta Di Natura Limited li meta gie mitlub minn Godfrey Formosa biex johrog ir-ricevuta tal-hlas tas-somma ta' €14,937.00[10] fuq is-socjetà D&G Projects Limited, huwa xorta wahda nizzel **ukoll** lis-socjetà konvenuta Di Natura Limited fuq din l-istess ircevuta.

Dawn il-fatturi kollha jindikaw li, kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà konvenuta, hija din l-istess socjetà li fil-fatt ghandha relazzjoni guridika ma' l-attur in konnessjoni max-xoghol esegwit minnu fil-lukanda Seabank Hotel. Ghalkemm l-Inginier Johann Aloisio[11] u Alvin Buttigieg[12], entrambe xehedu li r-relazzjoni guridika u lavorattiva taghhom fir-rigward tax-xoghol minnhom esegwit fil-lukanda Seabank Hotel kienet mas-socjetà D&G Projects Limited ma jfissirx li b'mod awtomatiku u bl-istess mod ir-relazzjoni ta' l-attur kellha u ghandha per forza tkun ma' dik l-istess socjetà, iktar u iktar meta l-fatti pertinenti lilu juru mod iehor. Il-fatt ukoll li l-pagamenti saru tramite cheques mahruga mis-socjetà D&G Projects Limited u dawn ic-cheques gew accettati w imsarfa mill-attur ma jbiddel assolutament xejn mill-kwadru fattwali u guridiku tal-kaz, daqs kemm ukoll ma jbiddel xejn mill-kwadru tal-fatti ta' dan il-kaz li fuq progett iehor, ossia dak fil-lukanda Bellavista Hotel, l-attur thallas permezz ta' cheques mahruga mis-socjetà D&G Projects Limited. Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-principju guridiku ormai assodat fis-sistema guridika nostrali li kull persuna hija intitolata li thallas id-dejn ta' haddiehor anke jekk ma tirrizulta l-ebda obbligazzjoni kontrattwali li timponi fuqha li hekk taghmel, però f'dawk ic-cirkostanzi hi certament ma ssirx parti fil-ftehim li ta lok ghal dak id-dejn u wisq anqas ma taghti xi jedd lill-kreditur illi jiccitaha biex thallsu dak li kien lilha dovut minn haddiehor[13]. Apparte minn hekk kif provdut fl-Artikolu 1149(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *il-kreditur ma jistax jirrifjuta hlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-hlas ikun ta' vantagg ghad-debitur*. Huwa veru, kif appena osservat, li r-ricevuta ghall-hlas tas-somma ta' €14,937.00 inharget **anke** fuq isem is-socjetà D&G Projects Limited u mhux biss fuq isem is-socjetà konvenuta izda dan sar mhux b'xelta libera u volontarja ta' l-attur izda ghaliex huwa gie mitlub jaghmel hekk minn Godfrey Formosa stess. Ghalkemm il-Qorti assolutament ma taqbilx mar-ragunament ta' l-attur li ma jimpurtax fuq min tinhareg ir-ricevuta ghall-hlas ghaliex l-aqwa li jithallas, il-fatt li l-ircevuta inharget kif inharget xorta ma jbiddilx il-fatt li r-relazzjoni guridika li kjarament tirrizulta f'dan il-kaz hija bejn l-attur u s-socjetà konvenuta.

Jigi in fine osservat li s-socjetà konvenuta tikkontendi li ghalkemm Godfrey Formosa seta' ipprezenta ruhu fil-konfront ta' l-attur *qua* Di Natura, huwa ma kienx b'daqshekk qed jipprezenta ruhu *qua* Di Natura Limited izda se mai bit-*trade name* minnu utilizzat dak iz-zmien. Hawn ukoll il-Qorti ma taqbilx ma dak affermat u pretiz mis-socjetà konvenuta

[9] Dok. "CZ1" a fol. 43 tal-process.
[10] Fol. 28 tal-process.
[11] Vide affidavit a fol. 38 tal-process.
[12] Vide affidavit a fol. 41 tal-process.
[13] Vide sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-ismijiet "Lino Chircop v. Direttur tal-Kuntratti", Appell Civili Nru. 1536/98 deciza fit-30 ta' Marzu 2001.

ghar-raguni li Godfrey Formosa kjarament kien qed jipprezenta ruhu wara struttura ta' socjetà u mhux tramite *trade name* u dana kif jidher anke mill-*business card* li huwa ta lill-attur fejn fuqha huwa indikat bhala *managing director*. Fid-dawl ta' dan il-fatt ghalhekk il-Qorti tirribadixxi li r-relazzjoni guridika ezistenti u pertinenti ghax-xoghol esegwit mill-attur u materjal minnu fornit fil-lukanda Seabank Hotel formanti l-mertu ta' dawn il-proceduri, hija bejn l-attur u s-socjetà konvenuta.

B'hekk jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari tas-socjetà konvenuta mhux gustifikata u ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjetà konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjetà konvenuta.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**